MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 495/1991/1

**Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Alfen Trading Limited; u b'nota tal-15 ta' Marzu 1996 Alfred Fenech assuma l-atti f'isem is-socjeta` attrici**

**vs**

**Philip Chircop**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi skond skrittura annessa datata 7 ta' Marzu, 1988 (Dok A) is-socjetà attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut magni, lostru, zebgha, ghodda, kompressuri u merkanzija ohra bil-prezz ta' sitt elef, sitt mija u tnejn u disghin lira (Lm6692) mill-liema prezz il-konvenut hallas akkont is-somma ta' elf lira (Lm1000) mal-konsenja tal-istess merkanzija u obbliga ruhu li jhallas il-bilanc b'rati mensili konsekutivi ta' hames mitt lira (Lm500) l-wahda bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc u bil-kondizzjoni illi jekk il-konvenut ikun moruz fil-hlas ta' xi pagament mensili wiehed jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu koncess lilu u l-bilanc kollu jkun dovut f'daqqa skond klawsola numru tlieta ittra a (3a) tal-imsemmija skrittura; illi fil-fatt il-konvenut qatt ma hallas pagamenti mensili u b'hekk kien moruz fil-hlas ta' pagament mensili wiehed u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu u konsegwentement il-bilanc ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u disghin lira (Lm5692) hu dovut kollu immedjatament a tenur tal-imsemmija skrittura; illi nonostante illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti; talab ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex: (1) Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu skond l-iskrittura tas-7 ta' Marzu 1988 ghal hlas tas-somma ta' Lm5692 rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta' magni, lostru, zebgha, ghodda, kompressuri u merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut minghand is-socjetà attrici; (2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma imsemmija ta' Lm5692; bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg mandati ta' sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax kummercjali mis-7 ta' Marzu 1988 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine, il-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa ma ghadux izjed kummercjant, u ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc minhabba f'hekk hija inkompetenti;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li (1) In verità ma kien ebda ftehim ta' *pacta cum riservata dominii* (*sic*), kif hemm iskritt fl-istess skrittura, u dan stante li l-oggetti li hemm elenkati parti minnhom fic-citazzjoni, kienu ilhom li inbieghu lill-eccipjenti zmien qabel, u dan permezz ta' ftehim ta' bejgh, kif ghandu jirrizulta mill-istess statement irrilaxxat mis-socjetà attrici stess datat 17 ta' Frar 1988; (b) Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, jirrizulta ukoll mill-anness statement datat 17 ta' Frar 1988, li qed jigi esebit u immarkat bhala dokument 'A', li is-somma indikata fl-istess skrittura datata 7 ta' Marzu 1988, mhux minnu li tinkorpora biss prezz ta' oggetti mixtrija, izda almenu tinkludi is-somma ta' Lm923 bhala imghax, li huwa ikkalkulat b'rata ghola ukoll permessa mill-ligi; (c) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-oggetti indikati fl-istess skrittura, parti minnhom kienu già utilizzati mill-istess eccipjenti qabel id-data tal-istess skrittura, u dan a konoxxenza tal-istess attur nomine, stante li kif già premess, f'din l-eccezzjoni f'paragrafu 2.(1) l-oggetti inxtraw taht titolu ta' bejgh semplici, u l-eccipjenti qatt ma kellu ebda kundizzjoni kif imposta fl-artikolu 4 tal-ftehim esebit mis-socjetà attrici;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet attrici huma ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li il-kawzali tal-istess citazzjoni, li fil-fatt jikkonferma l-eccezzjonijiet tal-eccipjenti, ma jaqblux lanqas huma mal-kontenut tal-iskrittura tas-7 ta' Marzu 1988, stante li waqt li ic-citazzjoni attrici tirreferi ghall-bejgh, l-iskrittura tirreferi ghal speci ta' HIRE PURCHASE AGREEMENT, zewg kuncetti differenti sew minn xulxin u ta' causa legali distinta;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu ukoll isegwi li l-ammont mitlub huwa ghal kollox esagerat, stante li hemm imghax sostanzjali inkluz fih;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, wara l-istess skrittura, u dan ovvjament kollu kemm [hu] kien a konoxxenza tal-istess attur nomine, l-eccipjenti ikkonsenja lill-attur nomine kwantità konsiderevoli ta’ merkanzija, kif jinsab elenkat fl-anness dokument ‘B’ datat l-1 ta’ Awissu 1988, fejn l-istess eccipjent inkariga lill-attur nomine sabiex ibieghu l-istess merkanzija bi prezz ta’ mhux anqas minn dak indikat fl-istess lista datata 1 ta’ Awissu 1988, izda sallum l-istess attur nomine ma biegh xejn mill-istess lista, ghalkemm is-socjetà ghamlet uzu minn diversi items hemmhekk indikati, b’dan li tali oggetti ghadhom sallum depositati ghand l-istess attur nomine bhala garanzija favurih;

6. Illi ukoll kien hemm ftehim bejn l-istess attur nomine u il-konvenut, li l-attur nomine kellu jigbor is-somma ta’ Lm968 ghan-nom tal-eccipjenti minghand certu Paul Agius Cutajar, li huwa debitur tal-eccipjenti tant li l-istess attur nomine kien hareg ukoll sekwestru fuq l-istess ammont kontra appuntu Paul Agius Cutajar;

7. Illi fis-seba’ lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-imghax mitlub fic-citazzjoni lanqas huwa dovut stante li jikkostitwixxi usura kontra dak provdut fl-istess Codici Civili, almenu ghal parti mill-istess ammont mitlub;

SALVI ECCEZZJONIJIET ULTERJURI;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannarr, 1999 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

“… wara li tilqa’ l-eccezzjoni dwar uzura u anatocizmu u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, tghid li l-konvenut tilef il-beneficcju taz-zmien u tikkundannah ihallas lis-socjetà attrici erbat elef seba’ mija u disgha u sittin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm4,769.33), flimkien ma’ l-imghax mis-7 ta’ Marzu 1988. Hekk kif il-konvenut ihallas, il-hwejjeg tieghu li qeghdin f’idejn is-socjetà attrici ghandhom jintraddu lura lilu.

"L-ispejjez jinqasmu hekk: parti minn hamsa (1/5) thallasha s-socjetà attrici, u erba' partijiet minn hamsa (4/5) jhallashom il-konvenut";

u dan wara illi kkunsidrat hekk:

"Jidher li ma hux kontestat li l-konvenut akkwista xi merkanzija minghand is-socjetà attrici, ghalkemm il-partijiet ma humiex qeghdin jaqblu dwar it-titolu, jekk dan kienx bejgh-u-xiri, bejgh *cum pacto reservati dominii*, jew *hire-purchase*, u ma humiex qeghdin jaqblu wkoll dwar xi *items* zghar li narawhom akter 'il quddiem. Normalment, min jakkwista xi haga b'titolu li ma jkunx gratuwitu jkollu jhallas ghal dik il-haga; il-konvenut, izda, qieghed jikkontesta t-talba ghall-hlas tal-prezz, u r-ragunijiet tieghu, kif johorgu mill-eccezzjonijiet, huma dawn:

. li l-iskrittura hija simulata ghax ma kienx hemm ftehim li s-socjetà attrici zzomm il-proprjetà sakemm jithallas il-prezz;

. li l-prezz muri fl-iskrittura ma hux dak miftiehem bejn il-partijiet ghax il-prezz muri fl-iskrittura huwa mizjud bl-imghax;

. li l-imghax huwa oghla minn kemm taghti l-ligi;

. li l-premessi tac-citazzjoni, mibnija fuq kuntratt ta' bejgh-u-xiri, ma jaqblux ma' l-iskrittura li hija dwar ftehim ta' *hire purchase*;

. li s-socjetà attrici ghandha xi hwejjeg tal-konvenut f'idejha; u

. li s-socjetà attrici kellha tigbor parti mill-prezz minghand terzi.

"Naraw issa wahda wahda dawn ir-ragunijiet tal-konvenut.

"***Dwar is-simulazzjoni***

"Il-konvenut, kif rajna, qieghed jghid li partijiet mill-kuntratt huma simulati. Jekk tassew il-kuntratt huwa simulat *in parte*, dan ma jwassalx biex il-kuntratt ma jkunx jiswa, sakemm ma jkunx hemm *causa* illecita, izda l-qorti ghandha tfittex biex tara x'kienet l-intenzjoni tassew tal-partijiet jekk dan huwa rilevanti ghat-talbiet.

"Il-konvenut qed jallega simulazzjoni ghax (barra mill-allegazzjoni tieghu dwar l-imghax) qed ighid li ma kien hemm ebda *pactum reservati dominii*.

"Li gara hu li, qabel id-data tal-ftehim li sar fis-7 ta' Marzu 1988, il-konvenut kien f'aktar minn okkazjoni wahda xtara merknzija minghand is-socjetà attrici izda ma kienx hallas ghal kollox. Ghalhekk sar ftehim li fih il-partijiet gabru dak li kellu jaghti l-konvenut, u stipulaw xi pattijiet ohra, fosthom dak *reservati dominii* u pattijiet dwar kif kellu jsir il-hlas. Alfred Fenech, direttur tas-socjetà attrici, fisser hekk dan il-ftehim:

F'dan il-ftehim gbarna l-pendenzi kollha li kellu l-konvenut mas-socjetà attrici, u cioè *invoices* mhux imhallsa u l-valur ta' *cheques* li kien hareg il-konvenut favur is-socjetà attrici u li ma gewx onorati.

"Ghalhekk, fil-waqt li qed ighid sew il-konvenut li l-akkwist ma sarx fid-data tal-ftehim, dan ma jnaqqas xejn mill-ftehim ghax il-partijiet lahqu ftehim iehor ta' novazzjoni u f'dan il-ftehim setghu, kif fil-fatt ghamlu, idahhlu pattijiet godda, fosthom dak *reservati dominii*.

"Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li l-*pactum reservati dominii* kien stipulat wara li sar l-akkwist, dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas ghal dak li akkwista. L-eccezzjoni relativa hija ghalhekk michuda.

"***Dwar jekk il-prezz hux genwin***

"Il-konvenut qieghed ighid li l-prezz muri fl-iskrittura ma hux genwin ghax hemm mizjuda mieghu l-imghax. Il-konvenut qed ighid sew li l-prezz ta' sitt elef sitt mija u

tnejn u disghin lira (Lm6,692) muri fl-iskrittura jigbor fih ukoll l-imghax; dan jidher minn *statement* mahrug mis-socjetà attrici fis-17 ta' Frar 1988 li juri li s-somma ta' sitt elef sitt mija u tnejn u disghin lira (Lm6,692) tigbor fiha disa' mija u tleita u ghoxrin lira (Lm923) imghaxijiet.

"Ftehim li mghax ikun mizjud mal-kapital jiswa, sakemm dak l-imghax ikun ilu li ghalaq mill-anqas sena, u ma jkunx b'rata oghla milli taghti l-ligi. Ghalhekk, il-fatt li l-partijiet, fl-iskrittura tas-7 ta' Marzu 1988, lill-bilanc li kien ghad ghandu jaghti l-konvenut, bl-imghax mizjud mieghu, sejhulu 'il-prezz miftiehem', ma jnaqqasx mill-valur ta' l-iskrittura u tar-rabta kontrattwali; l-eccezzjoni ta' simulazzjoni hija ghalhekk michuda, izda ghad irridu naraw jekk hemmx uzura jew anatocizmu.

"***Dwar l-uzura u l-anatocizmu***

"Billi d-dejn tal-konvenut, meta sar, kien wiehed kummercjali, l-imghax beda jghaddi *ipso jure* meta saru l-konsenji originali. Li rridu naraw, mela, sabiex inqisu jekk l-imghax inhadimx sew, hu minn meta beda jghaddi u jekk kienx ilu li ghalaq sena meta kien kapitalizzat. Fil-process, izda, ma hemm ebda xhieda dwar meta saru l-konsenji, u ghalhekk il-qorti ma tistax tara kif inhadem l-imghax. Billi l-ligijiet kontra l-uzura u l-anatocizmu huma ta' ordni pubbliku, u s-socjetà attrici ma tistax tinghata *mano libera* biex tesigi l-hlas ta' mghaxijiet bla kontroll ta' xejn, l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tintlaqa', u l-imghaxijiet jibdew ighaddu biss minn dak in-nhar li saret l-iskrittura, *i.e.* mis-7 ta' Marzu 1988.

"***Dwar li l-premessi tac-citazzjoni ma jaqblux mal-ftehim***

"Il-konvenut qed ighid ukoll li t-talbiet kif maghmula ma jistghux jintlaqghu ghax waqt li t-talbiet huma mibnija fuq premessa li kien hemm bejgh-u-xiri, l-iskrittura tas-7 ta' Marzu 1988 hija dwar ftehim ta' *hire purchase*.

"Fil-fatt, izda, ma hux il-kaz li nqisu din l-eccezzjoni ghax l-iskrittura hija tassew dwar ftehim ta' bejgh-u-xiri; l-

istipulazzjoni ta' *pactum reservati dominii* ma tibdilx in-natura tan-negozju ghax dan il-patt huwa biss wiehed accessorju. Li l-ftehim huwa ta' bejgh-u-xiri u mhux ta' *hire purchase* johrog mit-tielet paragrafu ta' l-iskrittura. Waqt li f'kuntratt ta' *hire purchase* ix-xerrej-kerrej ikollu l-ghazla jekk jikkonvertix il-*hire* f'*purchase*, u, jekk jaghzel li ma jkomplix ihallas, ma jistax ikun imgieghel jixtri u l-kuntratt jitqies wiehed ta' *hire*, fil-kaz tallum l-ghazla kienet f'idejn il-bejjigh, li, meta x-xerrej iwaqqaf il-hlasijiet, ghandu l-jedd li 'jitolbu hlas fil-pront tal-bilanc kollu dovut'.

"Billi, ghalhekk, kien hemm tassew kuntratt ta' bejgh-u-xiri, ic-citazzjoni saret sew, u l-eccezzjoni hija michuda.

"***Dwar li s-socjetà attrici ghandha xi hwejjeg tal-konvenut f'idejha***

"Il-konvenut qed ighid li ghandha ssir tpacija bejn dak li ghandha tiehu s-socjetà attrici u l-valur ta' xi hwejjeg tieghu li s-socjetà attrici ghandha f'idejha.

"Skond il-patt 3(b) tal-ftehim, is-socjetà attrici setghet tiehu lura l-hwejjeg konsenjati lill-konvenut, u dan jitlef biss il-hlasijiet li jkun lahaq ghamel sa dak in-nhar li l-hwejjeg jittiehdu lura. F'dak il-kaz, ghalhekk, ma ssirx tpacija ghax il-konvenut ma jkunx jista' jitlob lura l-hlasijiet li jkun ghamel.

"Li tiehu lura l-hwejjeg u ma titlobx aktar hlasijiet hija ghazla tas-socjetà attrici mhux tal-konvenut; is-socjetà attrici, skond il-patt 3(a), setghat titlob 'hlas fil-pront tal-bilanc kollu dovut', u, fil-kaz tallum, kienet din l-ghazla li ghamlet. Is-socjetà attrici fil-fatt ghazlet li titlob il-bilanc kollu dovut. Huwa minnu li l-hwejjeg is-socjetà attrici hadithom lura, izda dan ghamlitu, kif qal il-konvenut stess, bhala garanzija ghall-hlas - 'biex ma jigix hadd iehor u jahtafhom' - u mhux biex thassar il-bejgh. Il-bilanc tal-prezz, ghalhekk, jibqa' dovut.

"Huwa wkoll minnu li l-partijiet setghu ftiehmu li l-merkanzija tehodha s-socjetà attrici b'*datio in solutum*. Jidher, izda, li dan il-ftehim ma sehhx, ghax waqt li s-

socjetà attrici qieghda tghid li l-merkanzija li lesta tiehu b'*datio in solutum* tiswa elfejn u tliet mitt lira (Lm2,300), u lesta li tnaqqas din is-somma mill-bilanc li fadlilha tiehu, il-konvenut qed jistenna tnaqqis ta' mhux inqas minn elfejn tmien mija u sittin lira (Lm2,860).

"Ghalhekk ma tista' ssir ebda tpacija; naturalment, meta jsir il-hlas, il-konvenut jakkwista l-proprjetà tal-hwejjeg mixtrija minnu, u, jekk saritilhom xi hsara waqt li qeghdin f'idejn is-socjetà attrici, id-drittijiet tieghu huma riservati. L-eccezzjoni, izda, hija michuda.

"***Dwar li s-socjetà attrici kellha tigbor parti mill-prezz minghand terzi***

"Il-konvenut qed ighid li s-socjetà attrici kellha tigbor parti mid-dejn minghand terzi:

Dwar l-ammont li kelli niehu minghand Paul Agius Cutajar, Alfred Fenech kien qalli li ser jigborhom hu dirett minghandu, u fil-fatt informa b'dan lil Paul Agius Cutajar u sostna li kien ftiehem li jhallas direttament lil Alfred Fenech. Però hadd minnhom ma tani sodisfazzjoni dwar dan (affidavit tal-konvenut, para. 13, fol. 84).

"L-art. 1183 tal-Kodici Civili jghid hekk:
**1183.** Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.

"Lanqas il-konvenut ma hu qed ighid li l-kreditur 'iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur'; ghalhekk, id-delegazzjoni ta' Paul Agius Cutajar biex ihallas id-dejn jew parti minnu ma tehlisx lill-konvenut mid-dejn, sakemm ma jintweriex li dan Agius Cutajar fil-fatt hallas id-dejn. Din il-prova ma saritx, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

"***Dwar il-*quantum *tad-dejn***

"Fadal issa li nqisu l-*quantum* tad-dejn. It-talba tas-socjetà attrici, wara li nnaqsu l-imghax li, kif rajna, ma ghandux jithallas, hija mfissra hekk:

| | | |
|---|---|---|
| a) | *invoice a/c* C/150: | Lm 1,922.68 |
| b) | *consignment* a/C C/51: | Lm 2,700.00 |
| c) | *cheque returned unpaid*J/583007: | Lm 580.00 |
| d) | *cheque returned unpaid* J/583006: | Lm 238.00 |
| e) | *1 bedroom suite*: | Lm 250.00 |
| f) | *delivery note n*$^o$ 0363: | Lm 51.95 |
| g) | *delivery note n*$^o$ 0196: | Lm 26.70 |
| B'kollox: | | Lm 5,769.33 |
| Hlas akkont: | | Lm (1,000.00) |
| Jifdal: | | Lm 4,769.33 |

"Il-konvenut qal li ma jaqbilx ma' l-*items* (f) u (g), u, dwar l-*item* (b) qal li din kienet bil-hsara.

"Il-fatt hu, izda, li meta iffirma l-iskrittura tas-7 ta' Marzu 1988, il-konvenut accetta somma li kienet tigbor fiha dawn l-*items* ukoll, u ghalhekk l-oneru tal-prova qieghed fuqu biex juri ghala ma ghandux ihallas. Dwar l-imghax, kif rajna, dan l-oneru ghelbu ghax seta' jistrieh fuq ligijiet ta' ordni pubbliku; dwar l-*items* l-ohra, izda, ma ressaqx xiehda u ghalhekk tibqa' ssehh il-prezunzjoni kontra tieghu li nholqot meta iffirma l-iskrittura.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, il-bilanc li ghad fadallu jhallas il-konvenut huwa ta' erbat elef seba' mija u disgha u sittin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm4,769.33). Billi l-konvenut ma hallasx dan il-bilanc, tilef il-beneficcju taz-zmien skond il-ftehim."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi s-sentenza tad-29 ta' Jannar, 1999 tigi mhassra u annullata;

Rat ir-risposta ta' l-appell u l-appell incidentali ta' l-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi michuda l-eccezzjoni dwar l-uzura u l-anatocizmu, filwaqt li tigi

konfermata fir-rigward tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant”;

Rat illi ma jirrizultax illi l-konvenut ipprezenta risposta ghall-appell incidentali tas-socjetà attrici

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-ftehim milhuq permezz ta’ l-iskrittura tas-7 ta’ Marzu, 1988 huwa wiehed ta’ bejgh-u-xiri u mhux ta’ *hire purchase*;

2. illi anke jekk huwa korrett illi tigi applikata l-kwasola numru 3 ta’ l-imsemmija skrittura tas-7 ta’ Marzu, 1988, l-ewwel Qorti ma setghetx tattwa flimkien iz-zewg (2) possibilitaijiet kontemplati mill-istess klawsola numru 3 ghaliex dawn iz-zewg possibilatijiet huma alternattivi ghal xulxin;

3. illi meta l-ewwel Qorti qieset l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjetà attrici hija ma naqqsitx l-ammont ta’ Lm2300 rapprezentanti l-prezz ta’ oggetti *second hand* illi l-konvenut biegh lis-socjetà attrici;

4. illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “Fir-rigward tal-magni tal-hjata *second hand* li s-socjetà attrici hadet minghand il-konvenut (Statement part 2) ma jidhirx illi dawn l-effetti jistghu jigu ritornati lura lill-konvenut kif tesigi d-decizjoni odjerna ghax fil-parti l-kbira taghhom jidher illi kienu inbieghu.”;

5. illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta, kwantu ghas-somma ta’ Lm968, dovuta lill-konvenut minghand Paul Agius Cutajar, u illi l-konvenut jippretendi illi s-socjetà attrici kellha tigbor hija minghand l-istess Agius Cutajar,

irriteniet illi kellha tingieb il-prova illi l-istess somma ta' Lm968 thallset. L-appellant isostni illi huwa ma kellux l-oneru illi jaghmel din il-prova ta' hlas;

6. illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "… fil-parti tas-sentenza meta ikkunsidrat il-quantum tad-dejn il-Qorti nizlet l-ammont ta' Lm250 mal-kont taghha. Dan l-ammont fil-fatt anke kif jirrizulta mix-xhieda tas-socjetà attrici kien ghal bedroom suite. Din fil-fatt giet ikkonsenjata lis-socjetà attrici mill-konvenut u allura ma hemmx dubju li dan l-ammont mhux dovut";

7. illi, skond ir-rikors ta' appell, l-ewwel Qorti "… ma haditx in kunsiderazzjoni ic-cekk numru 583008 tal-ammont ta' Lm300 illi fil-fatt issarraf u ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-ammont globali";

8. illi, dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell, "… ghalkemm il-Qorti laqghet il-eccezzjoni dwar l-uzura u l-anatocizmu meta ghamlet il-kalkolu taghha naqset biss l-imghax zejjed illi irrizulta minn Dok RP4 u cioè dak mizjud fl-istatement tas-17 ta' Frar, 1988. Dan meta anke fl-ammonti deskritti qabel dan kien hemm imghaxijiet ghola minn dak li tippermetti l-ligi illi in effetti ma ittiehdux in kunsiderazzjoni u ukoll ma tnaqqsux mill-ammont globali";

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti taqbel pjenament mal-konsiderazzjonijiet illi ghamlet l-ewwel Qorti illi wassluha sabiex tikkonkludi korrettement illi l-ftehim imsemmi fl-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa wiehed ta' bejgh-u-xiri. Hija ma tifhimx kif l-appellant jista' jippretendi illi dan il-ftehim huwa wiehed ta' *hire purchase*. Huwa interessanti f'dan ir-rigward illi jigi notat illi fl-eccezzjoni enumerata "3" tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, hawn fuq riprodotta, il-konvenut jesprimi ruhu bil-mod segwenti:
"… l-iskrittura tirreferi ghall speci ta' HIRE PURCHASE AGREEMENT …" (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Tghid anqas il-konvenut stess ma huwa cert dwar x'tip ta' ftehim huwa dak in kwistjoni? Fuq kollox, però, huwa ta'

l-iskantament kif l-appellant qed isostni illi dan il-ftehim huwa wiehed ta' *hire purchase* meta jittiehed in konsiderazzjoni dak illi qal l-istess konvenut appellant fl-*affidavit* tieghu (fol. 81-86):
"L-iskrittura saret … nonostante li ma qbiltx fuq l-ammont u ma kien hemm ebda ftehim ta' Hire Purchase, tant li diversi magni kienu già mibjugha …;

"…;

"… Il-kumplament tal-kontenut tal-kont jikkonsisti f'ammont kbir ta' zebgha, lostru, thinner, kolla ghal magna imsemmija hawn fuq u accessorji ohra li kienu jigu ikkunsmati kull jum fil-process tax-xoghol. …;

"… Fuq l-'edge Binding Machine' [li l-valur taghha ta' Lm2700 jikkostitwixxi parti sostanzjali mis-somma reklamata mis-socjetà attrici] nghid ukoll li s-Sur Fenech [direttur tas-socjetà attrici] kien jaf li bieghta lid-ditta Borg Barthet Bros …"; (sottolinear ta' din il-Qorti);

Kif jista wiehed jitkellem dwar *hire purchase* ta' oggetti illi l-akkwirent taghhom ikun jew bieghhom lil terzi jew ikkunsmahom?

Huwa evidenti, ghalhekk, illi l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat. Infatti, mhux veru dak illi qed jissottometti l-appellant f'dan ir-rigward, jigifieri illi l-ewwel Qorti tat effett liz-zewg possibilitajiet kontemplati mill-klawsoli 3(a) u 3(b) rispettivament ta' l-iskrittura in kwistjoni tas-7 ta' Marzu, 1988. L-ewwel Qorti applikat biss l-imsemmija klawsola 3(a) kif, *del resto*, giet mitluba illi taghmel mis-socjetà attrici fl-ewwel talba ta' l-att ta' citazzjoni. Dan jemergi car hafna minn dik il-parti tas-sentenza appellata intestata "***Dwar li s-socjetà attrici ghandha xi hwejjeg tal-konvenut f'idejha***";

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tielet (3) aggravju tal-konvenut appellant, ghalkemm huwa veru illi l-ewwel Qorti ma naqqsitx mill-ammont illi hija kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici il-valur ta' l-oggetti illi l-kontendenti jaqblu illi nbieghu mill-konvenut lis-socjetà attrici, l-ewwel Qorti mxiet korrettement ghaliex, kif jinghad fis-sentenza appellata, ma hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar il-valur ta' dawn l-oggetti. Ghalhekk, anqas it-tielet aggravju ta' l-appellant ma jista' jigi milqugh;

Ikkunsidrat:

Illi jekk huwa veru illi, kif qed jallega l-konvenut, is-socjetà attrici bieghet uhud mill-magni tal-hjata *second hand* illi jissemmew fir-raba' aggravju, hemm già riserva dwar dan favur il-konvenut fis-sentenza appellata u, ghalhekk ma hemmx lok ghal xi provvediment ulterjuri ta' dina l-Qorti dwar l-aggravju in ezami;

Ikkunsidrat:

Illi kien il-konvenut illi permezz tas-sitt (6) eccezzjoni tieghu ssottometta illi kien hemm ftehim bejnu u bejn is-socjetà attrici illi din ta' l-ahhar tigbor is-somma ta' Lm968 illi l-konvenut jghid illi kellu jiehu minghand certu Paul Agius Cutajar. Kull prova fir-rigward tinkombi lill-konvenut. Dwar din il-materja l-ewwel Qorti korrettement iccitat l-artikolu 1183 tal-Kodici Civili u kkunsidrat, ukoll korrettement, hekk:
"Lanqas il-konvenut ma hu qed jghid li l-kreditur 'iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur' [din ta' l-ahhar hija silta mill-imsemmi artikolu 1183 tal-Kodici Civili]; ghalhekk, id-delegazzjoni ta' Paul Agius Cutajar biex ihallas id-dejn jew parti minnu ma tehlisx lill-konvenut mid-dejn, <u>sakemm ma jintweriex li dan Agius Cutajar fil-fatt hallas id-dejn</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghalhekk, l-ilment tal-konvenut appellant fil-hames (5) aggravju tieghu, jigifieri illi l-ewwel Qorti qed tesigi minnu "… iktar mill-oneru rikjest mill-ligi", mhux validu;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti l-konvenut mhux kredibbli meta jghid illi l-*bedroom suite* imsemmija fis-sitt (6) aggravju tieghu giet konsenjata lis-socjetà attrici. Infatti, is-somma ta' Lm250, illi l-konvenut jghid illi s-socjetà attrici hallsitu bhala depozitu fuq il-prezz ta' l-imsemmija *bedroom suite*, hija inkluza fid-dokument 'A' esibit mill-konvenut (fol. 13) u datat sbatax (17) ta' Frar, 1988, u, ghalhekk, wiehed jipprezumi illi f'din id-data il-konvenut kien ghadu ma mmanufatturax din l-ghamara. Mhux kontestat bejn il-kontendenti illi dina s-somma ta' Lm250 hija kompriza fis-somma ta' Lm6692 imsemmija fl-iskrittura iffirmata mill-istess kontendenti fis-7 ta' Marzu, 1988 u, ghalhekk, jista' jigi prezunt ukoll illi anqas f'din l-ahhar imsemmija data ma kienet ghadha inhadmet il-*bedroom suite*. Meta kien qed jixhed fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 1990, il-konvenut qal, fost affarijiet ohra, illi huwa <u>waqaf jahdem f'Jannar, 1988</u> (fol. 23). Ghalhekk, ma jistax ikun illi l-konvenut ikkonsenja l-imsemmija *bedroom suite* lis-socjetà attrici. Konsegwentement, is-sitt (6) aggravju tal-konvenut appellant qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi s-seba' (7) aggravju tal-konvenut appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti "… ma haditx in kunsiderazzjoni ic-cekk numru 583008 tal-ammont ta' Lm300 illi fil-fatt issarraf u ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-ammont globali". Dan l-aggravju mhux fondat ghaliex mill-atti processwali ma jirrizultax pruvat illi dan ic-*cheque* issarraf;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tmien (8) aggravju tieghu il-konvenut qed jallega illi oltre l-ammont ta' Lm923 imghax imnaqqas mill-ewwel Qorti "… kien hemm imghaxijiet ghola minn dak li tippermetti l-ligi illi in effetti ma ittiehdux in kunsiderazzjoni u ukoll ma tnaqqsux mill-ammont globali". Din l-allegazzjoni ma hija b'ebda mod sorretta mill-provi prodotti

u, ghalhekk, tibqa' semplici allegazzjoni. Konsegwentement, l-aggravju relativ qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju avanzat mis-socjetà attrici fl-appell incidentali taghha kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti kellha tichad u mhux tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-uzura u l-anatocizmu. Is-sottomissjonijiet maghmula mis-socjetà attrici sabiex issahhah dan l-aggravju taghha huma s-segwenti:
(1) la darba "… kien il-konvenut illi ressaq l-eccezzjoni ta' l-uzura, kien l-oneru tieghu li jipprova minn meta beda jiddekorri l-imghax skond il-ligi biex jipprova l-allegazzjoni tieghu li l-imghax pattwit kien jeccedi dak permess bil-ligi";

(2) l-ewwel Qorti "… minflok fl-ghar [*sic*] ipotesi irruducietu [l-imghax] ai termini tal-Kodici Civili, cahditu fl-intier tieghu";

(3) "Dwar ic-cheques mhux imsarrfa (Dok. AF1) dawn ghandhom id-dati Mejju 1987 u ghalhekk ukoll l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni ghaliex tiddikjara li l-imghax ma kellux jibda jiddekorri qabel id-data tal-iskrittura";

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kjarezza, ghandu jinghad, qabel xejn, illi fis-sentenza appellata imkien ma jinghad illi s-socjetà attrici ma hijiex intitolata illi tesigi l-imghax bir-rata kummercjali fuq il-prezz mhux imhallas tal-merkanzija illi hija bieghet lill-konvenut. Dak illi qalet - korrettement - l-ewwel Qorti huwa illli, la darba l-imghax in kwistjoni, ammontanti ghal Lm923, gie kapitalizzat fis-7 ta' Marzu 1988, necessarjament ried ikun hemm il-prova illi kienet ghaddiet sena minn meta dan l-imghax kien dovut;

Dan premess, dina l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tikkonsidra t-tlett (3) sottomissjonijiet, hawn fuq elenkati, imressqa mis-socjetà attrici sabiex issahhah l-aggravju taghha;

Ikkunsidrat:

L-ewwel sottomissjoni mhix valida ghaliex, la darba l-ewwel Qorti gustament ikkonsidrat illi, fi kliem is-sentenza appellata, "… l-ligijiet kontra l-uzura u l-anatocizmu huma ta' ordni pubbliku" (sottolinear ta' dina l-Qorti), u la darba gustament ikkonstatat illi "Fil-process … ma hemm ebda xiehda dwar meta saru l-konsenji, u ghalhekk il-qorti ma tistax tara kif inhadem l-imghax", hija kienet gustifikata illi tilqa' l-eccezzjoni in kwistjoni, u dana indipendentement minn min kellu l-oneru illi jaghmel il-mankata prova;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà attrici ghazlet illi taghmel il-prova dwar iz-zmien tal-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni lill-konvenut wara illi giet pronunzjata s-sentenza appellata, u dana permezz ta' zewg dokumenti (XX1 u XX2) ipprezentati flimkien ma' l-appell incidentali. B'rizultat ta' l-esibizzjoni ta' dawn id-dokumenti issa dina l-Qorti ghandha l-prova illi sena qabel giet iffirmata l-iskrittura tas-7 ta' Marzu, 1988 s-socjetà attrici kienet intitolata tesigi minghand il-konvenut imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta' Lm1025 (Dok. XX1) u fuq is-somma ta' Lm2700 (Dok XX2), globalment fuq is-somma ta' Lm3725. Dan l-imghax fuq l-ahhar imsemmija somma, fis-7 ta' Marzu, 1988, kien jammonta ghal Lm298 u, konsegwentement, meta giet iffirmata l-imsemmija skrittura is-socjetà attrici setghet tikkapitalizza dan l-imghax. Konsegwentement ukoll, l-eccezzjoni ta' l-uzura tista' u ghandha tintlaqa' biss ghad-differenza ta' bejn Lm923 u Lm298, jigifieri ghal Lm625. Bhala l-ahhar konsegwenza ta' dan kollu, u f'termini prattici, s-somma ta' Lm4769.33 illi l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici trid tizdied b'Lm298, jigifieri ssir Lm5067.33.

Minn dak illi intqal fil-paragrafu ta' qabel dan jirrizulta illi t-tieni (2) sottomissjoni ta' l-appell incidentali tas-socjetà attrici hija valida. Ghall-kompletezza, però, huwa doveruz illi jinghad illi fid-dawl tal-provi illi kellha

quddiemha l-ewwel Qorti hija kienet ghal kollox korretta meta laqghet l-eccezzjoni ta' l-uzura;

Ikkunsidrat:

Illi mill-istess dicitura tat-tielet (3) sottomissjoni hawn fuq riprodotta tas-socjetà attrici jirrizulta illi fis-7 ta' Marzu, 1988 ma kienx ghadu iddekorra l-imghax ta' sena fuq l-ammonti rizultanti mic-*cheques* imsemmija fl-istess sottomissjoni. Dana ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, kif tiddikjara l-istess socjetà attrici, dawn ic-*cheques* huma datati Mejju, 1987. Ma hemmx ghalfejn tkun professur tal-matematika sabiex tiddeduci illi bejn Mejju 1987 u Marzu 1988 ma ghaddietx sena. Tajjeb illi jinghad, ghall-kompletezza, illi l-ewwel Qorti ma ddikjaratx, kif qed tissottometti s-socjetà attrici, "… li l-imghax [dwar dawn ic-*cheques*] ma kellux jibda jiddekorri qabel id-data tal-iskrittura." Dak illi qalet l-ewwel Qorti - u qalet sewwa - huwa illi mill-atti processwali ma kienx jirrizulta dovut imghax illi fis-7 ta' Marzu 1988 seta' jigi kapitalizzat. A skans ta' ekwivoci jrid jinghad illi ma hemmx lok - kif jidher illi qed tippretendi s-socjetà attrici - illi fuq l-ammont imsemmi f'dawn ic-*cheques* il-konvenut jigi kundannat ihallas l-imghax <u>minn Mejju, 1987</u>, u dana ghaliex fic-citazzjoni odjerna s-socjetà attrici qed titlob illi fuq is-somma illi l-konvenut jigi eventwalment kundannat ihallas <u>bhala kapital</u> jiddekorri l-imghax kummercjali <u>mis-7 ta' Marzu, 1988</u>;

It-tielet (3) sottomissjoni tas-socjetà attrici hija, ghalhekk, respinta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:
(1) tichad l-appell tal-konvenut;

(2) tilqa' l-appell incidentali tas-socjetà attrici fis-sens illi tiddikjara illi s-seba' (7) eccezzjoni tal-konvenut, dik dwar l-uzura, qed tintlaqa' limitatament ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm625) u mhux ghal

disgha mija u tlieta u ghoxrin lira maltija (Lm923), u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata;

(3) konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' hamest elef u sebgha u sittin lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm5067.33), flimkien ma' l-imghax kummercjali mis-7 ta' Marzu, 1988;

(4) tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza illi jirrigwardaw l-appell tal-konvenut jigu sopportati kollha mill-istess konvenut appellant u illi l-ispejjes illi jirrigwardaw l-appell incidentali tas-socjetà attrici appellata jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-istess socjetà attrici appellata u kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------